Hawn hu. Dan hu l-ewwel messaġġ tiegħi li qed niktbilkom bħala komunità mindu l-Isqof tagħna talabni biex nibda nieħu ħsieb din il-parroċċa, nhar it-Tnejn li għadda, 15 t'April.

Dakinhar fi tmiem il-quddiesa għedtilkom li m'għandix ħafna ħsibijiet u li nħossni trankwill. U veru, sew għax diġà nħossni parti minn dan ir-raħal grazzi għall-familja tiegħi; u sew għaliex l-Arċipriet ta' qabli, Mons. Jimmy Xerri għamel ħafna xogħol siewi fil-bini ta' din il-komunità li jien qed insibu lest; u anke għaliex sa minn kmieni sibt ħafna minnkom li b'kull mod urejtuni li jien milqugħ fostkom. Nemmen, għalhekk li dan kollu qed jgħinni biex inħossni kuntent jien u nibda dan il-ministeru ġdid tiegħi; u ċert li Alla se jkun magħna; fiduċjuż fis-saċerdoti sħabi u qed inħares 'il quddiem biex naħdem magħhom ħalli flimkien inkomplu nqiegħdu lill-Mulej Ġesù fiċ-ċentru tal-komunità tagħna, imdawlin mill-eżempju ta' San Pietru u San Pawl. Għax jekk inżommu miegħu, aħna nitgħallmu noqogħdu ma' xulxin. U anki jekk forsi ma naqblux fil-karattri tagħna, xorta jirnexxilna nitqawwew bis-saħħa tal-imħabba u l-maħfra li nistgħu nħaddmu bejnietna, bil-għajnuna tiegħu.



Fil-fatt dan nitgħallmuh ukoll mingħand il-patruni tagħna San Pietru u San Pawl li minkejja ma kinux jaqblu bħala karattru xorta waħda għarfu jaħdmu flimkien, imbuttati mill-istess skop li hu dak li Ġesù Kristu jkun magħruf bħala l-veru salvatur ta' kulħadd. Hekk ukoll aħna, jekk inżommu f'moħħna u f'qalbna li hu biss is-salvatur veru tagħna - mhux l-ideat ġenjali tagħna u lanqas il-kapaċità ta' xogħol idejna - allura żgur li se jirnexxilna nikbru u nissaħħu ta' veru bħala komunità u bħala individwi.

Fil-jiem li ġejjin sejjer nipprova niltaqa' ma' kull min jaħdem fil-qrib, fit-tmexxija tal-parroċċa, fil-gruppi u fil-kumitati organizzattivi tagħna, ħalli nsir nafhom aħjar b'mod personali. Eventwalment, imbagħad qed nippjana li niltaqa' ftit ftit mal-familji kollha tal-parroċċa tagħna fi djarkom. Sadanittant nirringrazzjakom minn qabel tad-disponibbiltà tagħkom, inwegħedkom li se nitlob għalikom kuljum u nitlobkom tiftakru fija fit-talb tagħkom, ħalli l-Mulej jagħtini l-grazzja li nagħraf immexxi l-komunità tagħna tan-Nadur skont il-qalb tiegħu.

*Dun Krystof Buttigieg*

Amministratur Parrokkjali

**AVVIŻ:**

Infakkru u nħeġġu **lir-romol kollha, irġiel u nisa**, li nhar it-Tnejn 22 t'April fis-5:45pm, hemm il-laqgħa għalihom fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am